# L-Istorja tal-Lingwa Maltija

Storja miktuba fi lsienna u madwarna

Sa Ann Marie Schembri
Skola St Joseph, Tas-Sliema

# Kitbiet bit-Taljan jew bil-Latin






# Talb bit-Taljan










# Monumenti b'kitbiet bil-Latin

# Informazzjoni Storika bl-Ingliż






# Informazzjoni Storika Bilingwi



# Informazzjoni Storika Bilingwi






# Tifkiriet bil-Malti






# Inbigħu bil-Malti






# …u l-Malti antik!






# Ħarsa ħafifa lura…

- Il-bażi soda u wiesgħa tal-lingwa tagħna hija dik **Semitika**, jiġifieri ġejja minn djalett tal-Għarbi. L-Għarab ħakmu lil Malta fis-sena 870 QK u sa dak iż-żmien ma kellna ebda kitba li turi x'lingwa kellhom il-Maltin.



# L-Element Semitiku llum



- L-Għarab daħħlu fil-Malti li nafu llum il-bażi grammatikali, ħafna nomi u verbi komuni, in-numri u l-kuluri bażiċi.
- L-Għarbi jimxi bis-sistema tal-**għerq** u din għadha magħna sal-lum.
- Għadna nużaw ittri Għarab, għalkemm tilfu l-ħoss u anki l-mod kif jinkitbu, bħall-GĦ u l-Ħ.

# L-Element Rumanz



- It-tieni element qawwi li ħalla impatt fuq il-lingwa Maltija kien **l-element Rumanz** li fih hemm imħallta l-Isqalli u t-Taljan.

- Malta kellha influwenza qawwija min-naħa tal-Italja kemm minħabba l-kuntatt mill-qrib ma' Sqallija, kif ukoll minħabba l-Kavallieri ta' San Ġwann li damu jaħkmu lil Malta għal ħafna snin.

# L-Influwenza Rumanza, mit-Taljan biss?

**Minn fejn taħsbu li ġejjin dan il-kliem?**

*balla*

*qattus*

*qanpiena*

*xlokk*

*ċar*

*bata*

# Kliem li ġej mill-Isqalli

| | |
|---|---|
| *balla* | ***palla*** |
| *qattus* | ***cattus*** |
| *qanpiena* | ***campiena*** |
| *xlokk* | ***sciloccu*** |
| *ċar* | ***ciaru*** |
| *bata* | ***patire*** |





- Malta b'kuntatt dirett ma' Sqallija wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru fl-1090
- Malta ssir parti mir-renju ta' Sqallija, u għalhekk bosta professjonisti Maltin imorru jistudjaw fl-universitajiet ta' bliet Sqallin bħal Palermo.
- Ħafna nies tas-sengħa bħal fl-injam u l-ġebel jiġu Malta minn Sqallija.

- Kitbiet dwar Malta u l-Maltin f'atti notarili. In-nutara kienu jiktbu bl-Isqalli u jinkludu kliem bil-Malti.

- Malta tibda tingħata lil sidien fewdali differenti, fosthom Sqallin u aktar tard Spanjoli.

- Il-Malti jibda jinqata' bil-mod il-mod mill-influwenza Semitika u jibda jdaħħal fih ħafna kliem ġdid li jgħix ma' ta' qablu mingħajr problemi.



# Il-Malti taħt il-Kavallieri ta' San Ġwann

fortizza u ċentru ta' kummerċ

ċentru ta' arti u
nies letterati



taħlit ta' nies b'kulturi
differenti

port u belt kapitali
importanti
ħafna

# Il-Malti kiber u twessa' biex fih idaħħal ideat ġodda li kienu ġejjin mit-Taljan  u għalhekk ma mietx.

*Il-qassis, it-tabib, in-nutar, u l-avukat kienu jitkellmu mal-poplu u speċjalment mal-klijenti tagħhom, u jekk għall-ewwel dawn ma kinux jifhmu kollox, bil-mod il-mod kienu jidraw jużaw kliem komuni bħal purċissjoni, mediċina, ingwent, maġistrat u sentenza. Dak li jolqtu kulħadd jitgħallmu u għalhekk nistgħu ngħidu li kieku t-Taljan kien iservi biss għall-poeżiji u  r-rakkonti kieku qatt ma kien jinfirex bil-mod li tlaqqam fuq l-element semitku. Jekk infirex mal-poplu dan ġara biss għax kien utli fil-prattika u b'mod konkret…*

**Il-Malti- Elf Sena ta' Storja, ta' Joseph M. Brincat**

# L-Element Ingliż

- Fl-1800 Malta saret kolonja Ingliża iżda l-influwenza tal-Ingliż damet ma qabdet. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, il-Maltin saru eqreb tal-ħakkiema tagħhom għax kienu qed jiddefenu lil Malta flimkien. Minn hemm beda taħlit lingiwistiku li għadu sejjer sal-lum.

- Hekk il-Malti daħħal it-tielet element, dak Ingliż u li minnu għadu jdaħħal ħafna kliem.



# Taljan jew Ingliż? Il-Kwistjoni tal-Lingwa





- Ħakma twila li mhux mill-ewwel ħalliet impatt lingwistiku imma li magħha ġabet bosta taqlib soċjali u politiku.
- Żewġ affarijiet kienu jagħżlu lill-Maltin mill-ħakkiema tagħhom: ir-reliġjon u l-kultura Taljana.
- Bdiet **il-Kwistjoni tal-Lingwa** bejn l-Ingliż u t-Taljan li damet sejra 121 sena. Din kienet ġlieda bejn l-Ingliż li jfisser il-ġdid, il-ħakkiem, u t-Taljan li jfisser dak li hu lokali u l-Knisja.

# Il-Malti waqt il-Kwistjoni tal-Lingwa

- Ftit kienu qed jagħtu kas tal-Malti, li ma kienx jitqies bħala lingwa, iżda bħala djalett tal-Għarbi u li m'għandu jkollu ebda prestiġju.




- Ir-rebħa tal-Malti fuq it-Taljan u l-Ingliż seħħet hekk kif twieldu l-partiti politiċi li bdew jiġġieldu l-kolonjaliżmu. Biex il-messaġġ tal-partiti jasal kellu jkun bilfors bil-Malti għax il-maġġoranza tal-poplu bil-Malti biss kien jifhem.

# Il-bżonn tal-Ingliż

- L-Ingliż beda jiggwadanja s-saħħa għax ‘sar indispensabbli għal min ried joħroġ mill-ħajja tal-għelieqi’: obbligatorju għall-impjieg mal-armata, mal-flotta navali, fiċ-ċivili, fit-Tarzna, mal-pulizija, fil-ħwienet, fuq il-vapuri, xogħol ta’ sefturi u għal dawk li riedu jemigraw.



# Il-Malti u l-Ingliż illum

- Aħna llum pajjiż bilingwi.
- Il-Malti qed jissaħħaħ dejjem iżjed, imut meta nagħżlu l-kelma barranija minflok dik Maltija.
- L-influss ta' kliem u verbi mill-Ingliż fil-Malti juri kemm il-lingwa tagħna hija ħajja u kemm qed taġġorna maż-żminijiet.

